MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Numru. 555/2000

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
ANTON VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo ta’ 21 sena, imwieled Pieta fit-23 ta’ Settembru 1978 iben Carmelo u Rosie nee Pullicino u residenti St Joseph House, 107, Felice Street, Zabbar ID495978M talli fit-28 ta’ Lulju 2000 ghal xi hin wara id-9am gewwa l-bajja tal-Ghadira fil-Mellieha ikkommeta serq ta’ basket kontenenti diversi affarijiet li l-valur taghhom ma jeccedix il-Lm100 u ma jeccedix il-Lm500 aggravat bil-valur ghad-detriment ta’ Sharon Smith ta’ nazzjonalita ingliza.

Talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn

Malta jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Frar 2000 fejn gie misjuba hati li ikkommetta reat u gie ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn.

Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-18 t'Ottubru 1999, 18 t'April 2000 u 21 ta' Lulju 2000 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza, b'assorbiment tat-tieni akkuza u wara li rat Art 285 tal-kap 9 il-Qorti tikkundannah ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti ma tistax ssiib htija fit-tielet akkuza stante li l-piena karcerarja fis-sentenza indikata fl-akkuza giet resa operattiva b'sentenza ta' din l-istess Qorti moghtija illum stess.

L-istess japplika ghar-raba akkuza.

Il-Qorti ma danakollu qed tinfliggi sentenza ta' prigunerija in vista tal-fedina penali pessima tal-imputat; tad-diversi

opportunitajiet li gie moghti minn diversi Qrati inutilment; tal-istadju tardiv tal-ammissjoni u tad-dhul f'programm residenzjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------